31999D0875

31.12.1999 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 344/1

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tal-21 ta' Diċembru 1999
## dwar l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja dwar kummerċ fi prodotti tessili

(1999/875/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133(2) tiegħu, flimkien ma' l-Artikolu 300(2), l-ewwel sentenza tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni innegozjat f'isem il-Komunità Ewropea Ftehim dwar kummerċ fi prodotti tessili ma' l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja;

(2) Dan il-Ftehim għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja mill-1 ta' Jannar 2000 sakemm jintemmu l-proċeduri għall-konklużjoni tiegħu, suġġett għall-applikazzjoni proviżorja reċiproka mill-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu waħdieni*

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja dwar kummerċ fil-prodotti tessili għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja mill-1 ta' Jannar 2000 sakemm jintemmu l-proċeduri għall-konklużjoni tiegħu, suġġett għall-applikazzjoni proviżorja reċiproka mill-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja ([1]).

It-test ta' dan il-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Brussel, 21 ta' Diċembru 1999.

*F'isem il-Kunsill*

*Il-President*

T. HALONEN

---

([1]) Id-data li minnha għandu jibda jiġi applikat il-ftehim fuq bażi provviżorja għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, serje Ċ.